TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/160/15/S

Priscilla Fenech
Vs
International Trading Company Limited

Illum 14 t'April,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Priscilla Fenech pprezentata fis-26 t'Awwissu,2015 u r-risposta tas-socjeta International Trading Company Limited ipprezentata fit-23 ta'Settembru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta'Frar,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'corrosion' li feggghet fuq il-'hob burners' u l-'hob igniters' filwaqt li s-socjeta intimata allegat uzu hazin daparti tal-konsumatur rikorrenti;

Illi jidher bic-car li "hob" ikun espost ghall-likwidi u ghalhekk fejn fegg il-'corrosion' mhux suppost jigrilhom hekk wara biss ftit xhur li l-'hob' gie stallat;

Illi skont is-socjeta intimata, il-'burners' huma maghmula minn 'cast iron';

Illi min-naha l-ohra, kull min jixtri oggetti, irid juza' dak l-oggett u jnaddfu skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li kemm il-'burners' kif ukoll l-'igniters' mhux suppost hargilhom 'corrosion' f'perjodu tant qasir;

Illi l-'igniters' lanqas suppost ixxarrbu jekk il-'hob' ikun issiggillat kif anki stqarret ir-rapprezentanta tas-socjeta intimata;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta u fl-intier taghha, ghandha tigi milqugha izda jhoss li fic-cirkostanzi tal-kaz il-'burners' u l-igniters' ghandhom jinbidlu mis-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Priscilla Fenech limitatament kif fuq spjegat filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta International Trading Company Limited u Jordna lis-socjeta International Trading Company Limited tbiddel il-'burners' u l-igniters' tal-'hob' mixtri minn Priscilla Fenech, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru